



KONTROLLUR EWROPEW
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA



RAPPORT ANNWALI

SOMMARJU EŻEKUTTIV 2023



Aktar dettalji dwar l-EDPS jinstabu fuq is-sit web tagħna fuq edps.europa.eu.

Is-sit web jagħti wkoll dettalji dwar karatteristika ta' [abbonament](#) fil-bulettin tagħna.

Waterford, l-Irlanda - Brussell, il-Belġju: Trilateral Research Ltd, Vrije Universiteit Brussel, 2024

© Disinn u Ritratti: Trilateral Research Ltd, l-EDPS u l-Unjoni Ewropea

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

PRINT ISBN 978-92-9242-858-7

doi: 10.2804/48939

QT-AB-24-001-MT-C

PDF ISBN 978-92-9242-831-0 ISSN 1831-0567 doi: 10.2804/842129

QT-AB-24-001-MT-N

Kelmtejn ta' qabel

Għandi l-unur nippreżenta r-Rapport Annwali tal-KEPD li jiġbor fil-qosor l-attivitajiet tagħna tas-sena 2023. Meta nħarsu lura lejn il-kisbiet tagħna, nara bi kburija l-adattabilità tal-KEPD għad-dinja li qed tinbidel u l-kapaċità li jindirizza b'mod proattiv l-isfidi tal-lum u ta' għada.

Aħna urejna dawn il-ħiliet bil-kumplessità tal-azzjonijiet tagħna fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali. Filwaqt li l-IA ddominat id-dibattitu pubbliku s-sena l-oħra, il-KEPD, ikkontribwixxa għat-tfassil tal-IA billi żgura li d-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, u b'estensjoni, ir-regoli u l-prinċipji tagħha jkomplu japplikaw għal kwalunkwe żvilupp, użu u applikazzjoni tal-għodod tal-IA. Huwa skont dawn il-prinċipji li aħna nwettqu l-ħidma tagħna u nidderieġu d-diskussjonijiet fil-livell globali, ma' awtoritajiet oħra tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza matul diversi fora u inizjattivi internazzjonali, bħar-Roundtable tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data u tal-Privatezza tal-G7 li matulha adottajna Dikjarazzjoni dwar l-IA Ġenerattiva, jew il-45 Riżoluzzjoni tal-Assemblea Globali tal-Privatezza dwar Sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali Ġenerattiva, li l-KEPD appoġġa.

Ix-xogħol tagħna ma waqafx hemm. Il-KEPD kien involut b'mod attiv fit-tfassil ta' oqfsa legali ġodda għall-IA, b'mod partikolari l-Att tal-UE dwar l-IA. Biex jappoġġa lil-leġiżlatur, il-KEPD ħareġ ir-Rakkomandazzjoni Finali tiegħu dwar l-Att dwar



l-IA bl-għan li jiġi żgurat li l-kompiti u d-dmirijiet tal-EDPS - bħala l-Kontrollur futur tal-IA tal-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, l-aġenziji u l-korpi tal-UE - jiġu spjegati b'mod ċar biex jiggarrantixxu li s-sistemi tal-IA użati u żviluppati minnhom ikunu sikuri u sodi. Tenniet ukoll l-appell tiegħi għall-projbizzjoni ta' sistemi tal-IA li joħolqu riskji inaċċettabbli għall-individwi. Bl-istess mod, aħna ħriġna Opinjoni dwar l-abbozz tar-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-IA.

Filwaqt li jibni fuq il-kontributi preċedenti tagħna dwar il-miżuri mmirati lejn il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, fit-23 ta' Ottubru 2023 il-KEPD organizza seminar iddedikat għall-ħidma leġiżlattiva li għaddejja dwar il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Materjal ta' Abbuż Sesswali tat-Tfal (CSAM). Is-seminar ġabar partijiet interessati li matul dawn l-aħħar snin kienu qed iwissu lill-pubbliku dwar ir-riskji assoċjati mal-proposta u kunċetti żbaljati dwar l-effettività potenzjali tagħha. Jiena esprimejt il-konvinzjoni qawwija tiegħi li l-proposta tas-CSAM tibdel b'mod fundamentali l-internet u l-komunikazzjonijiet diġitali kif nafuhom, u timmarka punt ta' nuqqas ta' ritorn. Ninsab grat lejn il-parteċipanti kollha, li ħafna minnhom enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi ppreservata l-integrità tas-sistema Ewropea bbażata fuq

id-drittijiet u appellaw għad-diliġenza dovuta u r-rispett għall-evidenza xjentifika murija matul il-proċess leġiżlattiv.

Huwa wkoll fl-ispiritu tal-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' impatt fuq is-soċjetà li l-KEPD uża r-rwol u s-setgħa tiegħu li jaġixxi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Aħna nemmnu bis-sħiħ li l-privatezza ta' dawh l-aktar vulnerabbli tinsab f'riskju ogħla li tiġi affettwata b'mod profond. Bħala awtorità superviżorja, ilħaqna l-fruntieri - litteralment - billi spezzjonajna l-operazzjonijiet tal-Frontex fil-gżira Griega ta' Lesbos fi sforz kollaborattiv mingħajr preċedent ma' awtorità

nazzjonali għall-protezzjoni tad-data biex niskrutinizzaw, fuq il-post, l-ipproċessar ta' data personali ta' persuni li jidħlu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

L-2023 kienet id-19-il sena tal-funzjonament tal-KEPD. Meta se naqsmu dan ir-rapport, se nkunu diġà għandna 20 sena. Aħna nistiednuk biex tingħaqad maċ-ċelebrazzjonijiet tagħna għas-sena li ġejja, bit-tama li tista' ssib dak li ppreparajna f'din l-okkażjoni bħala ispirazzjoni u provokazzjoni tal-ħsieb. Grazzi talli ġejt magħna.



Wojciech Wiewiórowski

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

KAPITOLU 1

Dwarna



1.1.

Il-KEPD

Min aħna

Il- [Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data \(KEPD\)](#) huwa l-awtorità indipendenti għall-protezzjoni tad-data tal-Unjoni Ewropea responsabbli għas-superviżjoni tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji Ewropej (EUIs).

Aħna nagħtu pariri lill-EUIs dwar proposti leġiżlattivi u inizjattivi ġodda relatati mal-protezzjoni tad-data personali.

Aħna nimmonitorjaw l-impatt ta' teknoloġiji ġodda fuq il-protezzjoni tad-data u nikkooperaw mal-awtoritajiet superviżorji biex niżguraw l-infurzar konsistenti tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Il-missjoni tagħna

Il-protezzjoni tad-data hija dritt fundamentali, protett mil-liġi Ewropea. Aħna nippromwovu kultura b'saħħitha tal-protezzjoni tad-data fl-EUIs.



"Together our goal is to protect people's data"

- W. Wiewiórowski

Il-valuri u l-prinċipji tagħna

Aħna nwettqu l-ħidma tagħna skont l-erba' valuri li ġejjin.

- **Imparzialità:** naħdmu fi ħdan il-qafas leġiżlattiv u ta' politika mogħti lilna, billi nkunu indipendenti u oġġettivi, insibu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-interessi involuti.
- **Integrità:** iż-żamma tal-ogħla standards ta' mgħiba u li dejjem isir dak li hu tajjeb.
- **Trasparenza:** nispegaw x'qed nagħmlu u għaliex, b'lingwaġġ ċar li huwa aċċessibbli għal kulħadd.
- **Prammatizzmu:** nifhmu l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati tagħna u nfittxu soluzzjonijiet li jaħdmu b'mod prattiku.

X'nagħmlu

Għandna erba' oqsma ewlenin ta' ħidma.

- **Superviżjoni u Infurzar:** il-monitoraġġ tal-ipproċessar tad-data personali mill-EUIs biex jiġi żgurat li dawn jikkonformaw mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.
- **Politika u Konsultazzjoni:** l-għoti ta' pariri lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar proposti leġiżlattivi u inizjattivi relatati mal-protezzjoni tad-data.
- **Teknoloġija u Privatezza:** il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-iżviluppi teknoloġiċi li jħallu impatt fuq il-protezzjoni tad-data personali. Aħna nissorveljaw li s-sistemi li jappoġġaw l-ipproċessar ta' data personali mill-EUIs jimplimentaw salvagwardji adegwati biex jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Aħna nimplimentaw it-trasformazzjoni diġitali tal-KEPD.
- **Kooperazzjoni:** ħidma mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data biex tiġi promossa protezzjoni konsistenti tad-data madwar l-UE u ż-Żona Ekonomika Ewropea. Il-pjattaforma ewlenija tagħna għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data hija l- [Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data](#), li lili nipprovdut segretarjat, u għandna [Memorandum ta' Qbil](#) li jiddefinixxi kif naħdmu flimkien.

Kif naħdmu

Kull qasam ta' kompetenza, elenkat hawn fuq, huwa inkorporat minn Unitajiet u Setturi li jlaqqgħu grupp divers ta' esperti legali u tekniċi, kif ukoll speċjalisti oħra fil-qasam tagħhom minn madwar l-Unjoni Ewropea kollha.

FI-2023, il-KEPD għamel [bidliet organizzattivi](#) biex ikun jista' jwieġeb u jadatta kontinwament għall-isfidi li qed jevolvu għall-protezzjoni tad-data li jinsabu quddiemna. Dawn il-bidliet jinkludu l-ħatra tal-ewwel Segretarju Ġenerali tal-KEPD; setturi speċifiċi biex jindirizzaw oqsma ta' politika ewlenin b'impatt fuq il-protezzjoni tad-data, bħal settur li jimmonitorja l-Ispazju ta' Sigurtà tal-Libertà tal-UE. Inħolqu setturi

oħra, wieħed biex jindirizza b'mod effiċjenti l-ilmenti magħmula minn individwi u jniedi investigazzjonijiet f'waqthom dwar il-mod kif id-data personali tiġi pproċessata mill-EUIs, u ieħor biex jagħti pariri komprensivi lill-EUIs dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data.



It-tfassil mill-ġdid tal-EDPS ra wkoll il-ħolqien ta' setturi speċjalizzati fil-qasam tat-Teknoloġija u l-Privatezza, wieħed biex jiżgura s-sorveljanza u l-awditjar tas-sistemi tal-IT; żvilupp ieħor biex jiġu antiċipati teknoloġiji ġodda u l-impatt tagħhom fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data; u settur li jiżviluppa t-trasformazzjoni diġitali indipendenti tal-istituzzjoni. Stabbilixxena wkoll task force dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, biex iżomm il-pass mal-iżvilupp tagħha.

Bl-għan li jmxexxi bl-eżempju meta jipproteġi d-drittijiet fundamentali tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, il-KEPD żviluppa s-servizz legali tiegħu stess.

Is-Setgħat Tagħna

Is-setgħat li għandna bħala l-awtorità għall-protezzjoni tad-data tal-EUIs huma stabbiliti b'mod partikolari fir- [Regolament \(UE\) 2018/1725](#).

Skont dan ir-Regolament, nistgħu, pereżempju, inwissu jew inwiddbu l-UE li tkun qed tipproċessa data personali b'mod illegali jew inġust; tordna lill-EUIs jikkonformaw mat-talbiet biex jeżerċitaw id-drittijiet tal-individwi; jimponu projbizzjoni temporanja jew definittiva fuq operazzjoni partikolari tal-ipproċessar tad-data; jimponu multi amministrattivi fuq l-EUIs; tressaq każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Għandna wkoll setgħat speċifiċi biex nissorveljaw il-mod kif il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE li ġejjin jipproċessaw id-data personali:

- **Europol** - l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi skont ir-Regolament 2016/794.
- **Eurojust** - l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali skont ir-Regolament 2018/1727.
- **UPPE** - l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew skont ir-Regolament (UE) 2017/1939.
- **Frontex** - il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

1.2.

Strateġija tal-KEPD 2020-2024

F'dinja konnessa, fejn id-data tgħaddi bejn il-fruntieri, is-solidarjetà fl-Ewropa, u internazzjonalment, se tgħin biex jissaħħa id-dritt għall-protezzjoni tad-data u biex id-data taħdem għan-nies madwar l-UE u lil hinn minnha.

Il- [Istrateġija tal-KEPD għall-2020-2024](#) tiffoka fuq tliet pilastri: **Prospettiva, Azzjoni** u **Solidarjetà** biex insawru futur diġitali aktar sikur, aktar ġust u aktar sostenibbli.

- **Previżjoni:** l-impenn tagħna li nkunu istituzzjoni intelliġenti li tiegħu l-perspettiva fit-tul tax-xejriet fil-protezzjoni tad-data u l-kuntest legali, soċjetali u teknoloġiku.
- **Azzjoni:** jiżviluppaw b'mod proattiv għodod biex l-EULs ikunu mexxejja dinjija fil-protezzjoni tad-data. Il-promozzjoni tal-koerenza fl-attivitajiet tal-korpi ta' infurzar fl-UE b'espressjoni aktar b'saħħitha ta' solidarjetà Ewropea ġenwina, kondiviżjoni tal-piżijiet u approċċ komuni.
- **Solidarjetà:** it-twemmin tagħna huwa li l-ġustizzja tehtiegħ li l-privatezza tiġi salvagwardjata għal kulħadd, fil-politiki kollha tal-UE, filwaqt li s-sostenibbiltà għandha tkun il-mutur għall-ipproċessar tad-data fl-interess pubbliku.

Għal aktar informazzjoni dwar il-KEPD, jekk jogħġbok ikkonsulta l- [paġna tagħna tal-Mistoqsijiet Frekwenti](#) fuq is-sit web tal-KEPD.

Għal aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data b'mod ġenerali, ikkonsulta l- [paġna tal-Glossariju tagħna](#) fuq is-sit web tal-KEPD.

KAPITOLU 2

Ħarsa 'l quddiem, il-viżjoni tagħna għall-2024



Is-sena 2024 timmarka l-20 anniversarju tal-KEPD, żewġ deċennji ta' protezzjoni tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data.

B'dan l-istadju importanti hemm il-ħtieġa inevitabbli li nirriflett fuq il-progress li sar, il-muntanji maħkuma, u t-tagħlimiet meħuda, li jservu bħala fjuwil biex nippjanaw il-ġejjieni, biex niffaċċjaw l-isfidi ta' għada. Dan l-eżerċizzju huwa meħtieġ għal kwalunkwe istituzzjoni b'missjoni ambizzjuża li tixtieq tadatta, biex iżżomm il-pass ma' xenarju diġitali li dejjem jevolvi sabiex tkun tista' twieġeb b'mod adegwat biex tipproteġi d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tal-individwi.

Wara din id-dinamika, is-sena 2024 se tkun iddedikata għat-tnejnija tax-xenarju tal-protezzjoni tad-data ta' għada billi tanalizza d-dinamika tal-passat, tal-preżent u tal-futur possibbli bejn il-protezzjoni tad-data, il-privatezza, it-teknoloġija, il-politika u oqsma oħra.

Biex jinkiseb dan, il-KEPD għażel li jibbaża l-anniversarju tiegħu fuq erba' pilastru ewlenin - kollha mfassla biex jenfasizzaw l-importanza u l-impatt tal-protezzjoni tad-data.

L-ewwel pilastru huwa magħmul minn ktieb u skeda ta' żmien li tanalizza l-istadji importanti ewlenin tal-protezzjoni tad-data u l-influwenza u l-istorja tal-KEPD f'dan il-mandat matul dawn l-aħħar żewġ deċennji, kif ukoll analiżi fil-fond ta' dak li għad irid isir.

Biex ninfurmaw il-ħidma tagħna bħala awtorità tal-protezzjoni tad-data 'l quddiem, irridu nkunu nistgħu nitgħallmu wkoll minn oħrajn. **It-tieni pilastru tagħna jinkludi 20 taħdit ma' ilħna ewlenin minn madwar id-dinja** li jaqsmu l-perspettiva unika tagħhom dwar kif il-protezzjoni tad-data u l-privatezza jiffurmaw l-oqsma rispettivi tagħhom.

Bil-ħsieb li jiġi mmodernizzat l-approċċ tal-KEPD biex jiġu antiċipati u indirizzati l-isfidi futuri, it- **tielet pilastru tagħna jinkludi 20 inizjattiva mmirati lejn l-eliminazzjoni ulterjuri tad-drittijiet fundamentali tal-individwi.**

Ir-raba' pilastru huwa s-Summit Ewropew tagħna dwar il-Protezzjoni tad-Data - Reviżjoni tad-Data f'Soċjetà Demokratika, li sar fl-20 ta' Ġunju 2024, fi Brussell, il-Belġju. Matul dan l-avveniment, għandna l-għan li nrawmu diskussjonijiet dinamiċi u miftuħa dwar ir-rwol tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data f'demokraziji moderni billi neżaminaw, b'mod partikolari, ir-rwol ta' stat fi żmien ta' ġbir dejjem jikber ta' informazzjoni dwar iċ-ċittadini.

B'dawn l-erba' pilastru, il-KEPD, bħala awtorità responsabbli u li tħares'il quddiem għall-protezzjoni tad-data, għandu l-għan li jantiċipa l-isfidi u l-opportunitajiet futuri sabiex jgħammar lill-nnifsu b'għodod regolatorji infurzabbli li jipproteġu d-data personali tal-individwi, fi żmien fejn id-data hija kruċjali fit-tfassil tal-pajsaġġ diġitali, in-negozji, il-gvernijiet u entitajiet oħra.



KAPITOLU 3

Il-punti ewlenin tagħna tal-2023



Biex insegwu l-għanijiet u l-ambizzjoni tagħna li nibnu u nsostnu l-aħjar prattiki tal-protezzjoni tad-data fi ħdan l-EUIs, biex insawru futur diġitali aktar sikur għall-Ewropa, u biex niproteġu l-privatezza taċ-ċittadini tagħna, ħdimna billi wettaqna l-kompiti ewlenin tagħna: **Superviżjoni & Infurzar, Politika & Konsultazzjoni, Teknoloġija & Privatezza.**

3.1.

Superviżjoni u Infurzar

Fil-qasam tal-attivitajiet superviżorji u ta' infurzar tagħna, komplejna nimmonitorjaw, niggwidaw u nivverifikaw il-mod kif l-EUIs jipproċessaw id-data personali tal-individwi, filwaqt li żguraw li jikkonformaw mal-liġi applikabbli tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data, [ir-Regolament \(UE\) 2018/1725](#), magħruf ukoll bħala l-EUDPR.



Il-ħidma tagħna f'dan il-qasam kienet varjata.

Dan inkluda l-ħruġ ta' **15-il Opinjoni Superviżorja** dwar diversi kwistjonijiet: l-istituzzjonijiet tal-UE jabbozzaw regoli biex jiġġieldu u jipprevjenu l-fastidju, l-ipproċessar previst ta' data bijometrika, l-użu tal-midja soċjali għal diversi skopijiet, ir-relazzjonijiet bejn il-kontrollur u l-proċessur, dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn istituzzjonijiet differenti tal-UE jew Stati Membri tal-UE.

Bl-użu tas- **setgħat investigattivi tagħna**, aħna segwajna, wettaqna jew iffinalizzajna l-ispezzjoni tagħna tal-mod kif ċerti EUIs jipproċessaw id-data personali. B'mod partikolari, din is-sena, aħna

sahhejna l-proċessi investigattivi tagħna biex niverifikaw b'mod aktar effettiv jekk l-EUIs kiseru il-liġijiet applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Dan l-avanz jenfazizza l-impenn tagħna biex kontinwament jogħlew l-istandards tal-prattiki ta' verifika tagħna. L-investigazzjonijiet li għaddejjin jew magħluqa tagħna tal-2023 ikopru firxa ta' suġġetti, inkluż l-użu mill-EUIs ta' għodod u servizzi tal-IT li jistgħu jinvolvu t-trasferiment ta' data personali barra l-UE jew iż-Żona Ekonomika Ewropea, li jagħmlu progress fl-investigazzjoni tagħna dwar l-użu ta' Microsoft 365 mill-EUIS, inkluża l-Kummissjoni Ewropea.

Bħala parti mill- **ħidma superviżorja tagħna**, komplejna nweqqnu awditi, u niverifikaw kif il-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data jitqiegħdu fil-prattika mill-EUIs. B'mod partikolari, aħna awditajna l-EPDO - l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni Personali u l-Bank Ewropew tal-Investment. Fl-2023, irrwoli ngalbu wkoll peress li l-EDPS kien soġġett għal awditu dwar il-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju għall-awditi tal-ippjanar.

Filwaqt li nirrikonoxxu l-importanza li l-individwi jiġu appoġġati meta jgħidu li d-data personali tagħhom għestita f'ħażin minn l-UE, **indirizzajna għadd kbir ta' lmenti**. Filwaqt li osservajna ż-żieda tagħhom matul l-aħħar sena, ħloqna għodda dinamika fuq is-sit web tal-KEPD biex inżidu l-effiċjenza tagħna f'dan il-proċess. Din is-sena, l-ilmenti kienu relatati mad-dritt ta' aċċess tal-individwi għad-data personali tagħhom, id-dritt tagħhom għat-tħassir, iż-żamma tad-data, biex insemmu xi eżempji.

Il-konformità b'suċċess mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data ma tistax isseħħ mingħajr **l-għarfien espert tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data tal-EUIs**. Fl-EUI rispettiva tagħhom, dawn jgħinu biex jittnaqqas id-distakk bejn il-protezzjoni tad-data u l-applikazzjoni Prattika tagħha. Filwaqt li kkapitalizzajna fuq dan, irduppajna l-isforzi tagħna biex nibnu kollaborazzjoni b'saħħitha u sostenibbli magħhom permezz ta' diversi inizjattivi: il-laqqgħat biannwali tagħna bejn l-EDPS u l-UPD, diskussjonijiet madwar id-DPO, il-Grupp ta' Appoġġ għad-DPO u aktar.

Barra minn hekk, iddedikajna wkoll l-għarfien espert tagħna **għas-superviżjoni tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (AFSJ)** li għalih għandna setgħat speċifiċi. Dan jinkludi l-Europol - l-Aġenzija tal-UE għall-infurzar tal-liġi; Eurojust - l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali; l-UPPE - l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Frontex - l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Avviċinajna s-superviżjoni tagħna tal-AFSJ kollha kemm hi, b'perspettiva olistika, sabiex neżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħna. Madankollu, aħna ngħidu wkoll l-ispeċifiċitajiet ta' kull wieħed minn dawn il-korpi, uffiċċji u aġenziji, f'termini tan-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom, kull meta jkun meħtieġ u rilevanti.

Fl-2023, aħna ffukajna l-attivitajiet superviżorji tagħna fuq dawn il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja madwar 6 azzjonijiet tal-pilastru.

- **It-tnejn** għas-superviżjoni tal-qafas tal-interoperabbiltà.
- **Insaħħu** l-kooperazzjoni tagħna mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data b'mod bilaterali jew permezz tal-parteċipazzjoni attiva tagħna fil-Kumitat Superviżorju Koordinat, b'mod partikolari biex nikkoordinaw l-azzjonijiet superviżorji.

- **L-iskrutinju** tal-ipproċessar ta' data personali mill-Frontex minn rapporti ta' informazzjoni fil-kuntest ta' operazzjonijiet konġunti.
- **Il-valutazzjoni tal** -ipproċessar mill-Europol ta' data bijometrika.
- **Monitoraġġ ta'** modi ġodda ta' kooperazzjoni bejn l-Europol u l-Istati Membri tal-UE fil-produzzjoni ta' analiżi operazzjonali.
- **L -għoti** ta' pariri dwar l-istabbiliment ta' sistemi ġodda għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-Eurojust (modulu dwar il-kriminalità tal-gwerra) u l-UPPE (ambjent ġdid għat-twettiq ta' analiżi operazzjonali).

3.2.

Politika u Konsultazzjoni



Komplejna **nagħxu bħala konsulent għall-koleġislaturi tal-UE** - il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill - dwar il-leġislazzjoni proposta ġdida kollha li potenzjalment ikollha impatt fuq id-drittijiet tal-individwi għall-privatezza u d-data personali, nikkontribwixxu għat-tiswir ta' futur diġitali aktar sikur għall-UE u ċ-ċittadini tagħha.

B'mod konkret, n 2023, aħna ħriġna **116-il konsultazzjoni leġislattiva** - fil-forma ta' Opinjonijiet, inklużi Opinjonijiet fuq inizjattiva proprja, u Opinjonijiet Konġunti mal-[Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data](#), Kummenti Formali u Informali.

Għal dan l-għan, investejna ħin u riżorsi sinifikanti biex nagħtu **pariri lill-koleġislaturi tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali**, b'mod partikolari l-Att dwar l-IA, biex niggarrantixxu li l-iżvilupp tal-ġhodod u s-sistemi tal-IA jikkonforma mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, u nippromwovu li dawn l-ġhodod u s-sistemi jenħtieġ li jiġu pprojbiti jekk joħolqu riskji inaċċettabbli għall-individwi. Bħala estensjoni għal din il-kwistjoni, aħna pprovdejna wkoll pariri dwar ir-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-IA, biex niżguraw li l-individwi li jsofru danni kkawżati mis-sistemi tal-IA użati mill-EUIs ikunu protetti bl-istess mod bħall-individwi li jsofru ħsara kkawżata minn sistemi tal-IA użati minn setturi privati jew pubbliċi fi Stati Membri oħra tal-UE.

Aħna kkonċentrajna wkoll l-isforzi tagħna fuq abbozzi ta' proposti leġiżlattivi fis- settur finanzjarju, b' mod partikolari dwar l-Euro Diġitali u s-Servizzi Finanzjarji u ta' Pagament, biex nevitaw iċ-ċentralizzazzjoni u l-ipproċessar żejjed tad-data personali tal-individwi.

Barra minn hekk, aħna tajna pariri lill-koleġiżlaturi tal-UE **dwar proposti leġiżlattivi li jidħlu fil-qasam tal-politika tal-ġustizzja u l-affarijiet interni**, dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, bħal-libertà tal-moviment, kif ukoll is-sigurtà tal-UE, li jistgħu jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali tal-individwi.

Filwaqt **li rrakkomandajna approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza madwar l-UE/ŻEE**, komplejna nikkoopearaw mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), li aħna membru tiegħu u nipprovdur s-segretarjat tiegħu għal appoġġ loġistiku, dwar diversi inizjattivi, bħal dwar fajls relatati mat-trasferimenti ta' data personali barra mill-UE/ŻEE, l-ipproċessar tad-data ta' ċerti pjattaformi tal-midja soċjali, u aktar.

Filwaqt li nippromwovu l-istandards tal-protezzjoni tad-data tal-UE biex isiru l- **istandard globali tal-protezzjoni tad-data**, aħna nkomplu nikkollaboraw mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħna permezz ta' fora u pjattaformi differenti, bħall-Assemblea tal-Privatezza Globali, ir-Roundtables tal-G7 tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza, li matulhom adottajna riżoluzzjonijiet dwar l-IA ġenerika.

3.3.

Teknoloġija u Privatezza

Filwaqt li nikkomplimentaw l-attivitajiet ewlenin tagħna ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni Prattika tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, u nagħtu pariri dwar proposti leġiżlattivi b'impatt fuq il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, aħna nantiċipaw ukoll l-isfidi ta' xenarju diġitali li qed jevolvi b' mod rapidu.

FI-2023, saħhejna l-kapaċitajiet tagħna biex nivvalutaw u nħejju għal xejriet teknoloġiċi futuri u futuri biex inkejlu l-impatt tagħhom fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, aktar minn qatt qabel.



Biex niksbu dan, aħna ssorveljajna l-iżviluppi teknoloġiċi bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq il-previżjoni, b'ħarsa b' mod partikolari lejn mudelli lingwistiċi kbar, kartieri tal-identità diġitali, internet ta' mgħiba, realtà estiża, detezzjoni ta' deepfake. Il-ħidma tagħna f'dan il-qasam tista' tinstab fir-rapporti **TechSonar tagħna**, l-ewwel inizjattiva Ewropea li torbot il-protezzjoni tad-data u t-tbassir strateġiku, il-previżjoni u l-istudji futuri.

Filwaqt li nippruvaw inbassru teknoloġiji futuri u l-impatt tagħhom ma' TechSonar, aħna nikkonċentraw ukoll l-għarfien espert tagħna fil-monitoraġġ tat-teknoloġiji attwali, l-iżvilupp tagħhom u l-influenza fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, bir- **rapporti u t-taħditiet** tagħna. Din is-sena, aħna ffukajna fuq il-Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali u l-Intelliġenza Artifiċjali Spjegabbli.

Nespandu l-għarfien espert tagħna, u ninfurmaw il-ħidma tagħna bi tpattija, **aħna kkollaborajna mas-sħab internazzjonali tagħna fil-qasam tat-teknoloġija**. Dan kien jinkludi ħidma mill-qrib mal-EDPB dwar il-kunċett ta' data personali, iżda wkoll l-anonimizzazzjoni, il-pseudonimizzazzjoni tad-data personali u aspetti tekniċi oħra, inkluż kif għandha tiġi interpretata ċerta leġiżlazzjoni relatata mal-privatezza, bħad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

Bl-għan li mmexxu bl-eżempju f'dak li għandu x'jaqşam mal-minimizzazzjoni tad-dipendenza tagħna fuq il-fornituri ta' monopolju tal-komunikazzjonijiet u s-servizzi tas-software biex nevitaw lock-in detrimental, għamilna progress fl- **esplorazzjoni u l-użu tagħna ta' software u soluzzjonijiet b'xejn u b'sors miftuħ**. Dan kien jinkludi t-twettiq tal-istudju tal-fattibbiltà tal-IT tagħna stess biex nidentifikaw ir-rekwiżiti tal-IT tagħna, abbażi tal-ħtiġijiet attwali u futuri, u perkors ta' soluzzjonijiet possibbli biex nirrispondu għal dawn it-talbiet, inniedu l-Cloud tal-KEPD tagħna stess, inżommu l-kanali alternattivi tal-midja soċjali tagħna, il-Vuċi tal-UE u l-Vidjow tal-UE.

Komplejna nissorveljaw **is-sistemi u l-awditi tat-teknoloġija**, nieħdu ħsieb l-awditi tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, u mmexxu l-ksur tad-data personali, kif ukoll inizjattivi oħra dettaljati hawn taħt. Bħala eżempju, aħna awditajna s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, b'enfasi fuq is-sigurtà tal-informazzjoni, inklużi l-politiki u l-ġestjoni tas-sigurtà, il-mitigazzjoni tar-riskju, il-proċeduri tal-ittestjar, il-vulnerabbiltajiet tekniċi, ir-rekwiżiti legali speċifiċi għas-sistema (il-ġestjoni tal-kontroll tal-aċċess, ir-reġistrazzjoni u ż-żamma tar-reġistri, l-inċidenti tas-sigurtà, ir-regoli speċifiċi għad-data bijometrika fis-SIS), u l-ksur tad-data personali.

3.4.

Komunikazzjoni tal-protezzjoni tad-data



Bħala organizzazzjoni, naħdmu biex inkunu trasparenti - **nispjegaw b'lingwaġġ ċar, aċċessibbli għal kulħadd, x'qed nagħmlu u għaliex**.

Għal dan l-għan, matul is-snin żviluppajna, u kkonsolidajna, preżenza online qawwija, primarjament permezz tal-mezzi tal-midja soċjali tagħna, u s-sit web tal-KEPD. Aħna nużaw dawn l-għodod ta' komunikazzjoni differenti skont l-udjenza li nixtiequ nilħqu, u t-tip ta' informazzjoni li nixtiequ nipprovdu. Dan jippermettilna kemm li ninfurmaw b'mod xieraq lill-pubbliku dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data, kif ukoll li ntejbju l-viżibbiltà tal-ħidma tagħna.

3.5.

Riżorsi Umani, Baġit u Amministrazzjoni

Bħala organizzazzjoni, irridu wkoll **nimmaniġġjaw ir-riżorsi tagħna b'mod effiċjenti** - bħall-ħin, l-impjegati, u l-finanzi tagħna - biex inkunu nistgħu nwettqu l-kompiti tagħna bħala l-awtorità tal-protezzjoni tad-data tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE (EUI). L-unità tar-Riżorsi Umani, il-Baġit u l-Amministrazzjoni (HRBA) twettaq ukoll dawn il-kompiti għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) bħala membru tal-KEPD, li għalih nipprovdu Segretarjat.



Din **is-sena, akkumpanajna lill-istituzzjoni fl-espansjoni u t-tiswir mill-ġdid tagħha biex tindirizza l-isfidi tal-protezzjoni tad-data.**

3.6.

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni 2023

Aħna nużaw għadd ta' **indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs)** biex ngħinuna nimmonitorjaw il-prestazzjoni tagħna fid-dawl tal-oġġettivi ewlenin stabbiliti fl-Istrateġija tal-KEPD1. Dan jiżgura li aħna kapaċi naġġustaw l-attivitajiet tagħna, jekk meħtieġ, biex inżidu l-impatt tal-ħidma tagħna u l-użu effettiv tar-riżorsi.

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPI ta' hawn taħt fiha deskrizzjoni qasira ta' kull KPI u r-riżultati fl-31 ta' Diċembru 2023. Dawn ir-riżultati jitkejlu skont il-miri inizjali, jew imqabbla mar-riżultati tas-sena ta' qabel, użati bħala indikatur.

Fl-2023, ilħaqna jew qbiżna - f'xi każijiet b'mod sinifikanti - il-miri stabbiliti fil-KPIs kollha, ħlief wieħed, li jikkonferma x-xejra pożittiva fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi strateġiċi tagħna matul is-sena.

KPI wieħed ma laħaqx bis-sħiħ il-mira stabbilita, il-KPI7, dwar is-segwaċi fil-kont tal-midja soċjali tal-KEPD. B'mod partikolari, fl-2023 osservajna tnaqqis fit-tkabbir fl-għadd ta' segwaċi fil-kont X tagħna (ex-Twitter). Dan jista' jirriżulta minn tnaqqis ġenerali fl-għadd ta' persuni attivi fuq din il-pjattaforma tal-midja soċjali.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI		RIŻULTATI 31.12	MIRA GĦALL-2023
KPI 1  Indikatur intern	l-għadd ta' każijiet, inklużi pubblikazzjonijiet, dwar il-monitoraġġ tat-teknoloġija u dwar il-promozzjoni ta' teknoloġiji biex jissaħħu l-privatezza u l-protezzjoni tad-data organizzati jew koorganizzati mill-KEPD	20 każ	10 każijiet
KPI 2  Indikatur Intern u Estern	Għadd ta' attivitajiet iffukati fuq soluzzjonijiet ta' politika transdixxiplinarji (interni u esterni)	8 attivitajiet	8 attivitajiet
KPI 3  Indikatur intern	Numru ta' każijiet trattati fil-kuntest tal-kooperazzjoni internazzjonali (GPA, CoE, OECD, GPEN, IWGDPT, Konferenza tar-Rebbiegħa, organizzazzjonijiet internazzjonali) li għalihom l-EDPS ipprova kontribut sostanzjali bil-miktub	36 każ	5 każijiet
KPI 4  Indikatur Estern	l-għadd ta' fajls li għalihom il-KEPD aġixxa bħala relatur ewlieni, relatur, jew membru tat-tim tal-abbozzar fil-kuntest tal-EDPB	20 fajl	5 fajls
KPI 5  Indikatur Estern	Numru ta' opinjonijiet tal-Artikolu 42 u opinjonijiet konġunti tal-EDPS-EDPB maħruġa bi tveġiba għat-talbiet ta' konsultazzjoni leġislattiva tal-KE	56 opinjoni	Is-sena ta' qabel bħala punt ta' riferiment
KPI 6  Indikatur Estern	l-għadd ta' verifiki/żjarat imwettqa fiżikament jew mill-bogħod	9 verifiki/żjarat	5 verifiki differenti

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI		RIŻULTATI 31.12	MIRA GĦALL-2023
KPI 7  Indikatur Estern	Għadd ta' segwaċi fil-kontijiet tal-midja soċjali tal-KEPD	X: 29 413 L: 71 238 EUVoice: 5 906 EUVideo: 752 YouTube: 2 984 Total: 110 293	Numru ta' segwaċi tas-sena ta' qabel +10%
KPI 8  Indikatur intern	Rata ta' okkupanza tal-pjan ta' stabbiliment	95.65%	90%
KPI 9  Indikatur intern	Implimentazzjoni tal-baġit	96%	90%



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

